MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 278/2003

Carmel sive Karmenu Vella
vs
Louis u Jane Mary konjugi Vella, jew min minnhom

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha ppremetta:

Illi l-attur kellu joint account mal-konvenut Louis Vella f’bank l-Ingilterra, kontenenti tnejn u ghoxrin elf u mija u tlieta u sebghin lira Sterlina u wiehed u hamsin pence (Stg 22,173.51), liema kont kien gestit mill-konvenut Louis Vella fil-kwalita` tieghu ta’ prokuratur generali ta’ l-attur.

Illi permezz ta’ zewg transazzjonijet li sehhew bejn l-attur u l-konvenut, l-attur kien l-ewwel skambja mal-konvenut is-sehem tal-konvenut ma’ flus Maltin, imbaghad sussegwentement kien inkariga lill-konvenut sabiex

jillikwida l-kont kollu billi jsarraf il-bilanc ghand Alfred u Maria Concetta Borg, kunjati tal-konvenut.

Illi fit-30 ta' Awissu 1994 l-attur u l-konvenut ttrasferew dan l-ammont lill-konjugi Borg fil-kont numru 01073658 tal-Lloyds Bank p.l.c. ta' 399, Oxford Street, W1, Londra, Ingilterra, u dan ghall-korrispettiv ta' l-ekwivalenti f'liri Maltin ta' l-ammont trasferit, bil-ftehim li tali ekwivalenti kellhom jigu debitament trasferiti lill-attur u lill-konvenut f'kont bankarju f'Malta.

Illi minn dan l-ammont l-attur thallas tramite l-konvenut l-ekwivalenti f'liri Maltin ta' tnax-il elf u mija u tlieta u sebghin lira Sterlina u wiehed u hamsin pence (Stg 12,173.51), u l-bilanc ta' l-ekwivalenti f'liri Maltin ta' ghaxart elef lira Sterlina (stg 10,000) baqa' pendenti.

Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet Carmel Vella u Louis Vella vs Alfred Borg u Maria Concetta Borg mizzewgin flimkien, Citazzjoni numru 1240/1998 GCD, moghtija nhar l-14 ta' Jannar 2003, dina l-Onorabbli Qorti ddecidiet illi filwaqt illi l-attur kien ipprova t-titlu tieghu l-konjugi Borg kienu ppruvaw il-hlas billi wrew illi l-hlas tal-bilanc sar permezz tal-konsenja lill-konvenuta Jane Mary Vella ta' cheque tad-19 ta' Dicembru 1994 ghal hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u iehor ta' tmien mija u erbatax-il lira Maltin (Lm814), u ddikjarat ukoll li ma kienx mehtieg ghall-finijiet ta' dik il-kawza li jigi stabbilit jekk Jane Mary Vella ghaddietx il-flus lil zewgha, minghajr pregudizzju ghal kull dritt fil-konfront ta' Jane Mary Vella.

Illi pemezz ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Lulju 1999 l-attur kien irrefera ghall-proceduri citati, u kien zamm ferm id-drittijiet tieghu, inkluz li jagixxi fil-konfront tal-konvenuti ghall-kreditu ta' sehmu mis-somma dovuta lilu u lill-konvenut Louis Vella minn Alfred u Concetta konjugi Borg skond ir-rizultanzi processwali, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom debituri ta' l-attur fis-somma komplessiva ta' hamest elef, tmien mija u erbatax-il lira Maltin (Lm5,814), rapprezentanti l-import tac-cheques mahruga minn Alfred Borg fid-19 ta' Dicembru 1994 ghal hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u ghal tmien mija u erbatax-il lira Maltin (Lm814) rispettivament.

Bl-imghax legali mid-19 ta' Dicembru 1994, bl-ispejjez legali, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 1999, dawk inkorsi fil-mandat ta' inibizzjoni u tal-kawza fl-ismijiet Carmel Vella u Louis Vella vs Alfred Borg u Maria Concetta Borg mizzewgin flimkien (rispettivament Inib. Nru. 2150/98RCP u Cit. Nru. 1240/98GCD), bl-ingunzjoni tal-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni, u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentat mill-attur.

**AMMISSJONI:**
Rat in Nota ta' Ammissjoni tal-konvenut Louis Vella li permezz taghha, in vista tas-sentenza moghtija fl-ismijiet Carmel Vella u Louis Vella vs Alfred Borg u Maria Concetta Borg mizzewgin flimkien, Citazzjoni Nru 1240/1998GCD, moghtija nhar l-14 ta' Jannar 2003, il-konvenut Louis Vella jammetti t-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tieghu, bir-rizerva ta' kull dritt li huwa ghandu fil-konfront tal-konvenuta Jane Mary Vella.

**ECCEZZJONIJET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Jane Mary Vella li eccepiet:

1. Preliminarment, illi l-attur ma ghandux interess f'din il-kawza, ghar-ragunijiet segwenti:

i. L-estinzjoni tad-debitu.
B'decizjoni li ghaddiet in gudikat, fil-kawza Cit. Nru. 1240/98 GCD, fl-ismijiet Carmel Vella u Louis Vella vs Alfred Borg u Maria Concetta Borg mizzewgin flimkien (genituri tal-eccipjenti) gie ritenut li, stante li hlas tas-

somma reklamata mill-attur Carmel Vella mill-imsemmija konvenuta ghadda min ghandhom ghand l-eccipjenti, mart l-odjern konvenut (attur fil-kawza citata), u kompartecipi mieghu fil-komunjoni tal-akkwisti; u stante li l-istess Louis Vella kien intavola l-kawza citata bhala attur ma’ Carmel Vella billi kien siehbu u prokuratur generali tieghu, allura l-hlas li sar lil Jane Vella hu bizzejjed biex jehles lill-konvenut u mhux mehtieg li naraw jekk Jane Vella ghaddietx il-flus lil zewgha.

ii. Minghajr pregudizzju ghal (i), jekk id-decizjoni succitata ma tigix mifhuma li qed tiddikjara l-kreditu reklamat minn Carmel Vella bhala estint, allura dan l-istess kreditu, kontra l-komunjoni tal-akkwisti ta’ Louis u Jane Vella, hu diga` kanonizzat permezz ta’ sentenza li ghaddiet in gudikat, u ghalhekk l-attur Carmel Vella ma kellux interess li jaghmel kawza ohra ghal dan l-iskop.

iii. Minghajr pregudizzju ghal (i) u (ii), u in kwantu l-kawza odjerna hi diretta lejn il-konvenuti individwalment (“jew min minnhom”), l-attur ma ghandu la interess u l-anqas dritt li jintrometti ruhu fid-dibattitu strettament personali bejn il-konvenuti dwar il-likwidazzjoni tal-krediti u d-debiti reciproci taghhom fl-ambitu ta’ sehmhom tal-komunjoni tal-akkwisti, liema dibattitu ghandu u fil-fatt qieghed isir, fil-kawzi tas-separazzjoni pendenti bejniethom, (Cit. Nru. 2537/96 u 2664/96).

Ghaldaqstant, il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza u bl-ispejjez kontra l-attur.

Fil-meritu, u bla pregudizzju ghas-suespost, il-flus reklamati mill-attur inghataw minn missier il-konvenuta lilha fil-forma ta’ zewg cekkijiet wiehed “Cash” iffirmat minn missierha stess, quddiem u retro, bla ammont, li hi tat lil zewgha Louis Vella u sussegwentement mimli u msarraf; u l-iehor ghas-somma ta’ Lm814 li ntefaq ghall-htigijiet tal-familja, cioe` ghall-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant, in kwantu diretta lejha individwalment, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, it-talba ta’ l-attur ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentat mill-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Illi fid-19 ta' Jannar 2004 il-kawza giet differita ghad-decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari.

Illi f'dan l-istadju hu importanti li din il-Qorti tirriproduci parti mis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 2003 minn din il-Qorti diversament presjeduta [l-Onor Imh. G. Caruana Demajo] fl-ismijiet Carmel Vella u Louis Vella vs Alfred Borg u Maria Concetta Borg mizzewgin flimkien:

"Il-konvenuti ma humiex qeghdin jikkontestaw illi huma kellhom isarrfu s-somma mitluba fic-citazzjoni; qeghdin ighidu izda illi l-ftehim kien sar ma' l-attur Louis Vella biss, u ghalhekk l-attur l-iehor Carmel Vella ma kellux ghalfejn jidhol fil-kawza, u illi hallsu kull ma kellhom ihallsu lil Louis Vella jew lil martu Jane, li tigi bint il-konvenuti u li llum hija mifruda minn zewgha.
Ghalhekk l-oneru tal-prova illi l-attur Carmel Vella kellu sehem fil-ftehim qieghed fuq l-istess attur, izda jmiss lill-konvenuti juru illi hallsu.
Meta xehed b'*affidavit* l-attur Carmel Vella qal illi, fil-ftehim mal-konvenuti dwar it-tisrif tal-flus, l-attur Louis Vella kien qieghed jidher kemm f'ismu stess kif ukoll bhala prokuratur tieghu. Meta xehed fit-22 t'Ottubru 1999 l-attur Louis Vella qal illi meta ftiehem mal-konvenut dwar it-tisrif tal-flus kien qallu illi kien qieghed jidher mhux f'ismu biss izda wkoll f'isem l-attur l-iehor. Saret ukoll il-prova illi l-flus kienu ta' l-attur Carmel Vella.
Il-qorti hija ghalhekk sodisfatta illi l-attur Carmel Vella wera li hu wkoll ghandu interess f'dawn il-proceduri, u l-ewwel eccezzjoni hija michuda.
Fadal li nqisu l-eccezzjoni ta' hlas.

Il-konvenut qiegħed igħid illi l-ħlas tal-bilanc sar b'*cheque* tad-19 ta' Dicembru 1994 għal ħamest elef lira (Lm5,000) u b'iehor tal-15 ta' Frar 1995 għal tmien mija u erbatax-il lira (Lm814). Dawn ingħataw mill-konvenut lil Jane Vella, bintu u mart il-konvenut, izda l-attur igħid illi l-flus qatt ma gew f'idejh. Jane Vella ikkonfermat illi l-ħlas sar lilha, għalkemm hi tgħid illi l-flus għaddiethom lil zewgha l-attur Louis Vella.
Fil-fehma tal-qorti, il-fatt illi l-ħlas sar lil Jane Vella huwa bizzejjed biex jeħles lill-konvenut, u ma hux meħtieg li naraw jekk Jane Vella għaddietx il-flus lil zewgha. Louis Vella xehed illi jaf li kien hemm okkazjonijiet oħra meta l-konvenut kien ħallas lil Jane Vella, u ma kienx jipprotesta għax hu stess kien iħalli f'idejha. Għalhekk, il-konvenut kellu raguni tajba li jaħseb illi ħlas lil Jane Vella kien ikun ħlas validu.
Għal din ir-raguni, l-eccezzjoni ta' ħlas sejra tintlaqa'. Naturalment, dan ikun bla pregudizzju għad-drittijiet ta' l-attur relativi għar-relazzjonijiet ta' komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn martu, li huma l-meritu ta' kawza oħra.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawza billi, wara li tiċħad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tilqa' t-tieni waħda, tiċħad it-talbiet ta' l-atturi. L-ispejjez ta' l-ewwel eccezzjoni iħallsuhom il-konvenuti; l-ispejjez l-oħrajn iħallsuhom l-atturi."

Minn dik is-sentenza irrizulta li:

- Carmel Vella kellu interess legali f'dawk il-proceduri;
- Li l-konvenuti f'dik il-kawza [Alfred u Maria Concetta Borg il-genituri ta' Jane Vella nee' Borg u mart Louis Vella] ħallsu lil Jane Vella l-ammont ta' LM5814 tal-flus barranin li rcevew;
- Il-konvenuti f'dik il-kawza għalhekk kienu ħallsu dak li huma kellhom iħallsu;
- Dik il-Qorti ma ħassitx il-bzonn li tezamina jekk Jane Vella għaddietx il-flus lil zewgha;
- Għalhekk il-ħlas mitlub fic-citazzjoni gja sar;
- Dan kien bla pregudizzju għad-drittijiet ta' l-attur f'dik il-kawza relativi għar-relazzjonijiet ta' komunjoni ta' akkwisti bejn Louis Vella u martu;

- Cahdet it-talbiet tal-atturi.

**KONKLUZJONIJIET:**
Issa l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Jane Mary Vella hi li l-attur ma ghandux interess f'din il-kawza minhabba l-estinzjoni tad-debitu, u li l-hlas li sar lil Jane Vella hu bizzejjed biex jehles lill-konvenut u mhux mehtieg li jigi ezaminat jekk Jane Vella ghaddietx il-flus lil zewgha.

Issa dan hu distorsjoni manifesta tal-fatti. Mhux veru li f'xi hin gie ippruvat l-estinzjoni tad-debitu. Dan ma qalitu qatt din il-Qorti diversament presjeduta izda li qalet hu li fil-kawza l-ohra l-hlas kien sar minn dawk il-konvenuti lil Jane Vella. Minn imkien ma gie ippruvat li l-attur fil-kawza odjerna ma ghandux interess legali. Certament li interess ghandu ghax qieghed jitlob flus li jallega li huma tieghu u li ma thallsux lura lilu. Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

Spejjez kontra l-konvenuta Jane Vella.

Il-kawza tibqa' differita ghall-provi l-ohra ghall-10 ta' Jannar, 2005 fl-10.15 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------